MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 379/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Maris Dimech**
**Joseph Dimech**
**Ramona Zammit**
**Charles Zammit**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmijin Maris Dimech, Joseph Dimech, Ramona Zammit u Charles Zammit talli f'Santa Venera fl-ahhar granet qabel it-12 ta' Awissu 2009, bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, biddlu c-cavetta tal-bieb ta' barra tal-flat minn fejn il-familja Grech Mallia kellha access liberu biex titla' tonxor fuq il-bejt;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Settembru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmijin Maris Dimech, Joseph Dimech, Ramona Zammit u Charles Zammit hatja ta' l-imputazzjoni dedotta u, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannathom ghall-hlas ta' multa ta' mitt euro (€100) kull wiehed u, a tenur ta' l-artikolu 383 ta' l-istess Kap. 9, ordnat li jnehhu l-inkonvenjent fi zmien xahar taht penali ta' hames (€5) euro kuljum fin-nuqqas ;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmijin Maris Dimech, Joseph Dimech, Ramona Zammit u Charles Zammitipprezentat fis-6 ta' Ottubru 2011 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet il-provi; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellanti hu li l-ewwel Qorti kien messha bbazat id-decizjoni taghha fuq il-kuntratti pubblici esebiti u mnejn jidher car illi kull meta l-*parte civile* kellha access ghall-bejt dan kien b'mera tolleranza.

**6.** L-ewwelnett jigi osservat illi l-kuntratti li ghalihom l-appellanti jirreferu fir-rikors ta' appell taghhom ma kinux gew esebiti quddiem l-ewwel Qorti izda gew annessi ma' l-istess rikors. Barra minn hekk, skond l-artikolu 629 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (rez applikabbli ghall-qrati tal-gustizzja kriminali bl-artikolu 520(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta), l-atti u r-reġistri tan-nutara pubbliċi ta' Malta huma ammissibbli u jistgħu jippruvaw dak li jkun fihom, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, <u>basta li tkun ippruvata l-awtentiċità tagħhom</u>. L-awtenticita` tal-kuntratti esebiti ma gietx ippruvata bix-xiehda tan-Nutara li ppubblikaw dawk il-kuntratti, u ghalhekk ma jistghux jittiehdu bhala prova f'dawn il-proceduri.

**7.** Mill-provi li semghet din il-Qorti jirrizulta illi l-konjugi Grech Mallia, li joqoghdu fit-terran numru 46 Triq il-

Fawwara, Santa Venera, kellhom cavetta li permezz taghha kienu jifthu l-bieb ta' barra ta' l-entrata ghall-flats msemmijin "St. Helen", numru 48 Triq il-Fawwara, Santa Venera, sabiex jaccedu fuq il-bejt tal-flats biex jonxru. F'Awissu 2009 l-appellanti biddlu s-serratura biex b'hekk il-konjugi Grech Mallia ma setghux jitilghu. Jidher li dan kien gara wkoll fl-1989 u Michael Grech Mallia kien inizja proceduri ghal spoll kontra l-konjugi Dimech u Spiro Azzopardi (li mbaghad biegh il-flat tieghu lill-konjugi Zammit). Jidher illi din il-kawza giet irtirata wara illi Michael Grech Mallia nghata cavetta gdida ghax Spiro Azzopardi nghata parir illi biex tbiddel is-serratura kellhom imorru l-Qorti.

**8.** Biex jikkonfigura ruhu r-reat ta' *ragion fattasi*, iridu jikkonkorru dawn l-elementi:

"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni alle Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ***ragion fattasi*** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ***ragion fattasi*** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina

l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[1]

**9.** Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Difatti f'dan il-kaz huwa evidenti illi l-appellanti stess ghandhom titolu. Ghall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa bizzejjed xi forma ta' pussess bhalma kellu f'dan il-kaz il-*parte civile*, cioe` cavetta li permezz taghha kien jista' jaccedi ghall-bejt. Jekk dan huwiex b'xi forma ta' dritt irid jigi determinat minn foro differenti. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel tliet elementi jikkonkorru kollha u ghalhekk is-sejbien ta' htija mill-ewwel Qorti kienet gustifikata.

**10.** Kwantu ghall-piena, fid-dawl tal-fatt li l-fedina penali ta' l-appellanti kollha hi ghal kollox nadifa, din il-Qorti tqis li ghandhom jigu trattati b'mezz aktar idoneju ghac-cirkostanzi.

**11.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu kkundannat lill-appellanti ghall-hlas ta' multa ta' mitt euro (€100) kull wiehed u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberahom bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor ghal zmien xahar millum. Inoltre tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan illi l-perijodu sabiex inehhu l-inkonvenjent jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996